MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2005

Numru. 643/2005

Il-Pulizija
(Spettur Ramon Mercieca)
vs
Joseph Ellul Sullivan

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-perjodu ta' bejn is-26 ta' Marzu 1999 u t-8 ta' Awissu 2001, bhala id-detentur tal-fond b'numru 20, Nine Angels, Triq il-Madliena, Swieqi, ukoll wara inzul ix-xemx, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa li bihom setgha kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' l-elettriku, tal-kwalita mehuda jew ikkunsmata, ikkommetta serq ta' dawl elettriku fl-ammont ta' LM1939.84, mill-fond b'numru 20, Nine Angels, Triq il-Madliena, Swieqi, liema serq hu

kwalifikat bil-mezz, hin u valur ghad-detriment tal-Korporazzjoni EneMalta;

Il-Qorti giet mitluba, barra milli taghti l-piena stabblita mill-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez ta’ l-esperti mahtura mill-Qorti a tenur tal-Art 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha processwali;

Peress illi jirrizulta ampjament illi l-imputat m’ghandu xejn x’jaqsam mal-akkuzi odjerni;

Tiddikjara illi hu m’huwiex hati ta’ dawn l-akkuzi u tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------